**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 217/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Publius sive Leo Said**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Publius sive Leo Said, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 279449M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Awwissu 2019, kif ukoll fil-ġranet u l-jiem ta' qabel u ta' wara, fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut min impriza għal għan li ma kienx dak li ġew fornuti għalihom, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jġiegħel lil Dr Abigail Critien tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, jew hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Dr Abigail Critien, jew xi persuni oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.
2. Għamel lil Dr Abigail Critien inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
3. Talli b'mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima u kemm jekk iffirmata bl-isem tiegħu innifsu hedded lil haddiehor b'delitt.

U dan bi ksur tal-Artikolu 48, tal-Artikolu 49(b) u 49(c) tal-Kap. 399, tal-Artikolu 251A(1)(a), u 251A(1)(b), tal-Artikolu 249(1), tal-Artikolu 251B(1) u tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li tali delitt huwa aggravat *ai termini* tal-Artikolu 251H(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenża, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat (Art. 412C(1)(2), Kap. 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49(b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Publius sive Leo Said ħati biss tal-ewwel (1) akkuża u kkundannatu għall-multa ta' tletin ewro (€30) flimkien ma' Ordni taħt l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien sena u liema ordni ġiet annessa ma' dik is-sentenza, filwaqt li lliberatu mill-akkużi l-oħra kollha *stante* li ma ġewx ippruvati.

Rat ir-rikors tal-appellant, Publius sive Leo Said, ppreżentat fid-19 ta' Lulju 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fit-13 ta' Lulju 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Publius sive Leo Said (K.I 0279449M) billi:-

1. Tikkonferma li l-appellant Publius sive Leo Said mhux ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha filwaqt li tilliberah minnhom stante li ma ġewx ippruvati u li minnhom huwa ġie illiberat skond il-Liġi u dan skond is-sentenza mogħtija tat-13 ta' Lulju 2021 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Magistrat fil-kawza Il-Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Publius sive Leo Said (K.I. 0279449M).
2. Sabiex tħassar is-sentenza mogħtija tat-13 ta' Lulju 2021 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija (Spetture Daryl Borg) vs Publius sive Leo Said (K.I 0279449M), għar-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn sabet ħtija fil-konfront tal-imputat u għalhekk tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u tillibera lill-appellant mill-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontrih u min kull piena fejn l-imputat illum appellant kien ġie ikkundannat għall-piena ta' multa ta' tletin ewro (€30) flimkien ma' Ordni taħt l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal zmien sena u liema ordni ġiet annessa mas-sentenza, filwaqt li illiberatu mill-akkuzi l-oħra kollha stante li ma ġewx ippruvati.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant Publius sive Leo Said.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju ntentat mill-appellant huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni zbaljata tal-liġi u apprezzament erronju tal-provi miġjuba quddiemha. Fost affarijiet oħrajn, huwa jilmenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi huwa kellu l-intenzjoni ġenerika rikjesta sabiex jissusisti r-reat li ġie misjub ħati tiegħu.

Illi, jibda' billi jingħad li l-appellant ġie misjub ħati biss ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, f'liema mputazzjoni jinsabu enkapsolati zewġ reati u ċioe dawk ravvizati fl-Artikoli 49(b) u 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta li jaħsbu biex jippenalizzaw is-segwenti aġir kriminali:

> ***Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika***
>
> ***... (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew***
>
> ***(c) jagħmel uzu ieħor mhux xieraq bih***
>
> ***ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat ...***

Illi għalkemm l-appellant ma jqajjem ebda ilment dwar s-sejbien ta' ħtija fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta u dana wara l-emendi li daħħlu fis-

seħħ permezz ta'l-Att XI tal-2018, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi llum ir-reat ta'l-inġurja magħmula permezz ta' xi *network* jew apparat ta' telekomunikazzjoni ġie abrogat, meta ġie introdott il-*proviso* għal dan l-artikolu tal-liġi fejn hemm hekk dispost:

> ***Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.***

Dan qed jingħad ġaladarba l-Ewwel Qorti sabet htija fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kap.399 minħabba l-kliem adoperat mill-appellant fejn implika li l-kwerelanti Abigail Critien kellha xi konnessjonijiet mal-"mafia". Illi, *in oltre*, il-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, li jinkorpora fih ukoll l-element tal-pubbliċita', jagħti s-segwenti definizzjonijiet ta' dak li jikkostitwixxi l-malafama, l-inġurji, u wkoll tal-mezz adoperat biex isir l-istess permezz ta' midja, pubblikazzjoni u xandir:

> ***"inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm;***
>
> ***"malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja;***
>
> ***"midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku in ġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;***
>
> ***"midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;***
>
> ***"pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;***

Illi dawn il-proċeduri penali ġew istitwiti in segwitu għal kwerela magħmula lill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-28 t'Awwissu 2019 fejn il-kwerelanti l-Avukat Dr Abigail Critien talbet illi jittieħdu passi kriminali kontra l-appellant, u dana peress li ġie allegat li nhar is-27 t'Awwissu 2019 jew fil-jiem ta' qabel u fil-jiem ta' wara kif ukoll

fit-28 t'Awwissu 2019 jew fil-jiem ta' qabel u fil-jiem ta' wara, huwa 'uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut min impriża għal għan li ma kienux dak li ġew fornuti għalihom, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriza għall-użu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew jagħmel uzu ieħor mhux xieraq bih.'

Illi, l-Avukat Critien, meta tkellmet mal-Pulizija kif ukoll meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, stqarret li l-appellant kien tella' *post* pubbliku fuq il-paġna tiegħu personali fuq il-pjattaforma elettronika *Facebook*, fejn kien ippubblika diversi ritratti ta' wiċċha flimkien ma' ritratt ta' tarbija, akkumpanjati bis-segwenti kliem – "*She is an unpleasant doctor but she is pretty more than one thinks, but you have my baby is very angry for her. In fact it seems that she is one of the Mafia, that is very pissed, see you at the Porte, Madame*". L-Avukat Critien xehdet li b'dan il-kliem dirett lejha, hija kienet qed tħossha mhedda li l-appellant kien ser jipprova jikkometti vjolenza sesswali fuqha, jew li kien ser jipprova javviċinaha filwaqt li tkun tinsab il-Port xi jumejn wara li ttella' dan il-*post* sabiex issiefer fuq btala mal-familja tagħha. Tgħid li r-referenza li l-appellant għamel għal-Port u għall-Mafia għaliha kellha konnotazzjoni waħda – "*to swim with the fishes*" – u ċioe li ser joqtolha u jitfagħha l-baħar. Tgħid ukoll li l-appellant, bi kliemu, kien ħammeġ il-reputazzjoni tagħha u ta' familtha, u kien propju għalhekk li ddeċidiet li tieħu passi legali fil-konfront tiegħu.

Illi meta l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija huwa kien ammetta li l-*post* in kwistjoni kitbu hu, pero' kien qal li kien hemm "*ħafna 'Broken English' u jista' jkun illi s-sentenzi ma jagħmlux sens. Jista' jkun illi d-diskors ma kienx ezatt dak li ridt infisser*". Jgħid ukoll li "*...kontra Dr Abigail ma għandi xejn*". Sussegwentement, meta l-appellant xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa jispjega x'ried ifisser bil-kliem li huwa kiteb. L-ewwelnett jgħid li r-referenza għat-tarbija ċertament li ma kinitx li ried jistupra lill-kwerelanti izda kien qed jirreferi għal kwistjoni f'kawza ċivili li kienet

tinvolvi tarbija, fl-liema kwistjoni kien hemm involuti hu nnifsu bħala parti kkonċernata u Dr Critien, fil-kapaċita' tagħha ta' avukat. Jgħid ukoll li huwa ma jafx jikteb sew bil-lingwa Maltija u li t-traduzzjoni li għamel mill-lingwa Taljana għal dik Maltija ma rrizultatx fit-tifsira li huwa xtaq. L-appellant spjega ukoll li hu meta kiteb "*See you at the Porte*" ried jikteb "*See you at the Court*". U fl-aħħarnett jispiċċa billi jgħid "*F'ebda ħin ma ppruvajt niġġustifikaha ħazin lil Dr Abigail Critien. Madanakollu kulħadd għandu ideat differenti, jekk fehmitni jew trid tibqa tinsisti, wara li tajt l-ispjegazzjoni, li għandha d-dritt tagħmilha jew ma tagħmiliex, tiskuza ruħha, ma tizkuzax ruħha, fhemitni ħazin, ma fhemitnix ħazin, imma minn naħa tiegħi qed nitlobha tiskuzani jekk forsi jiena ma spjegajtx ruħi, illi jiena la jiena professur, la jiena avukat u ħriġt mill-iskola ma nafx nikteb ismi*".

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi d-diskors, allegatament inkriminanti, li nkiteb fuq *Facebook* mill-appellant fil-konfront tal-kwerelanti, mhuwiex wieħed ċar, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti bi zbalji grammatikali u sentenzi ma isegwux u lanqas jaghmlu sens. Issa l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija ghall-imputazzjonijiet marbuta mar-reati tat-theddid u l-inġurja u lanqas ma ġie ntavolat appell min naha ta'l-Avukat Generali fir-rigward. Dan maghdud, madanakollu, huwa indubitat illi d-diċitura adoperata mill-appellant tirrifletti r-rabja u l-frustrazzjoni tiegħu fil-konfront tal-kwerelanti (li setgħet kienet fondata u setgħet ma kenitx), tant illi kienet certament intiża sabiex tivvessaha u iddejjaqha. Il-*post* li tella' l-appellant fuq il-*facebook* kien indubbjament wiehed intiż sabiex juri sens ta' disapprovazzjoni għal dak li dehrlu li ma kienx aġir professjonali u etiku minn naħa tal-Avukat Critien u li kien saħansitra qed iqabbilha ma' persuna assoċjata ma' organizazzjoni kriminali. Illi allura anke jekk il-kliem ma kienx inġurjuż u lanqas jikkostitwixxi theddid, certament kien kliem ingarbuljat u neboluż, mimli sottointiżi abbinati ma' ritratti tal-kwerelanti mtella' fuq dan is-sit mingħajr il-kunsens tagħha flimkien ma' ritratt ta' tarbija, li wasslu biex jivvessaw lill-Avukat u li jidher li qanqlu biza' fiha għal inkolumita' tagħha u tal-familja tagħha. Illi allura ghalkemm l-aġir ma jistax jinkwadra ruħu taht dak maħsub fl-artikolu 49(b), madanakollu l-imġieba tal-appellant fuq il-midja soċjali certament jammonta għal "użu ieħor mhux xieraq" kif mahsub fis-sub-inċiz (c) għal dan l-artikolu tal-liġi.

**"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis*, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.[1]"**

Għaldaqstant il-Qorti tqies illi għalkemm l-Ewwel Qorti ma setatx issib ħtija għar-reat maħsub fis-sub-inċiż (b) għall-artikolu 49 billi, kif ingħad, l-appellant ġie lliberat mill-akkużi ta' theddid u inġurja, madanakollu l-Qorti taqbel mal-fehma ta'l-Ewwel Qorti illi l-kliem adoperat fil-*post* imtella' fuq is-sit soċjali tal-*facebook* ma kienx xieraq fil-kontenut tiegħu intiż unikament biex jivvessa lil kwerelanti u idejjaqha u sabiex jitfa' dell ikrah fuq ir-reputazzjoni tagħha. Illi jekk l-appellant ħass illi l-Avukat ma mxietx etikament u professjonalment korrett, huwa kellu meżżi oħra għad-diżposizzjoni tiegħu sabiex jindirizza l-ilment tiegħu u mhux ċertament li joqgħod itella' *posts* fuq is-sit tal-*facebook* inkluż ritratti tal-Avukat Critien bl-intenzjoni li idejjaqha u jivvessaha. Illi stante li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda ferm miti, l-Qorti tqies illi lanqas ma hemm lok għal varjazzjoni fl-istess.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, għalkemm biss fis-sens illi ġiet misjuba ħtija għar-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (c) għall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. It-terminu ta' sena mogħti mill-Ewwel Qorti għall-garanzija maħsuba fl-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għandu jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

---

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012